# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Priscilla Caruana Lee)**

**vs**

**Carlos Dingli**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta` **Carlos Dingli**, karta tal-identita bin-numru 565176M fejn ġie mixli talli fit-3 t' April 2014 għall-ħabta tas-7:30 ġewwa ċ-ċentru tal-Pitkalija, sitwat fi Triq il-Pitkali, Ħ'Attard u/jew f'dawn il-Gżejjer Maltin waqt li kont qed issuq vettura b'numru tar-reġistrazzjoni DJC082 tal-għamla Chevrolet: -

1. saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluża;
2. b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaġuna ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Grazio Galea skont kif ċertifikat mit-Tabib Karl Tua mill-Isptar Mater Dei

Il-Prosekuzzjoni talbet lil Qorti sabiex tiskwalifika lill-ħati mill-liċenzi kollha

tas-sewqan għal perjodu ta' żmien li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Rat li matul is-seduta tad-19 ta' Jannar 2015 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament u matul il-kors tal-eżami tal-imputat skont l-Artikoli 392 u 370(4) tal-Kodiċi Kriminali l-istess imputat wieġeb li ma kellux oġġezzjoni li l-każ jigi trattat bi proċedura sommarja;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali a fol 4 li permezz tiegħu iddikjara li kien qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit mill-Avukat Dottor Gianluca Caruana Curran tenna li ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih;

Rat id-dokumenti prodotti;

Rat u semgħet il-provi imresqin mill-Prosekuzzjoni;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi l-provi preponderanti f'dan il-każ juru li l-vittma kien qiegħed jaqsam it-triq li minn *hut* tagħti għal *hut* oħra li hemm f'dawk l-inħawi. Mill-iskizz (paġna 23) u r-ritratti eżibiti (paġna 76) jirriżulta li l-vitma kien kważi qasam

it-triq meta huwa ġie milqut mill-vettura misjuqa mill-imputat. Il-vitma kien akkumpanjat minn ibnu, li b'xorti tajba ma ġralu xejn.

F'paġna 38 jirriżulta li l-vitma kien lemaħ il-vettura misjuqa mill-imputat, biss itenni li l-imputat ma kienx qiegħed jagħti indikazzjoni li kien ser idur għal fejn kienu qegħdin jaqsmu t-triq u jgħid li l-imputat ta indikazzjoni li kien sejjer jibqa' nieżel l-isfel u mhux idur lejn fejn kienu jinsabu hu u ibnu. Mill-iskizz jirriżulta li l-vitma kien kważi wasal fid-destinazzjoni tiegħu, iżda ma kienx qiegħed miexi mal-ħajt. Anzi huwa kien jinsab f'dik il-parti tat-triq li kienet esposta wkoll għal traffiku li setgħa kien għaddej minn dik in-naħa tat-triq. Għalkemm hemm verżjonijiet konfliġġenti dwar jekk kienx hemm parkeġġati vannijiet jew karozzi fuq il-post dak il-ħin tal-inċident, din il-Qorti setgħet tara li minkejja li l-vitma lemaħ lill-imputat isuq il-vettura tiegħu li la naqset il-veloċita u l-anqas għamlet indicator, huwa kompla jaqsam dik il-parti tat-triq. Huma kienu qegħdin jaqsmu u għalhekk kienu baqgħu għaddejjin bil-manuvra t'attraversament li intraprendew – u dan minkejja li l-vitma jistqarr li huwa kien qiegħed jara l-vettura kienet qegħda tinstaq u li huwa kien qiegħed jaqsam triq li minnha jgħaddi t-traffiku.

F'dan is-sens, il-Qorti kienet tistenna wkoll lil dan il-*pedestrian* li juża aktar attenzjoni, diliġenza u prudenza fil-manuvra t'attraversament tiegħu tat-triq. Jekk *pedestrian* ma jkunx ċert mill-manuvra li sewwieq ta' vettura jkun sejjer jintraprendi, huwa għandu obbligu li jagħmel dak li jista' sabiex jevita li jkun hemm impatt bejnu u bejn vetturi li jkunu qegħdin jinstaqu fit-triq. Ladarba ra li kien hemm il-vettura tal-imputat qegħda tiġi misjuqa fit-triq almenu viċin ta' fejn kien qiegħed sejjer hu, *il-pedestrian* kellu d-dmir mhux li jassumi

iżda li joqgħod attent u ma jieħux riskji żejda u jekk ikun hemm il-bżonn jieħu miżura li jieqaf jew iwarrab mit-triq li tkun qed tiġi misjuqa l-vettura biex jiġi evitat l-impatt. Pedestrians huma dejjem f'posizzjoni aktar vulnerabbli minn vetturi li jkunu qegħdin jinstaqu fit-triq u għalhekk għandhom ukoll obbligu li jżommu f'kull ħin, proper look-out biex jiġu evitati inċidenti stradali. F'dan is-sens, il-Qorti tqis li l-vitma f'dan il-każ, ikkontribwixxa għal dan l-inċident li bi ftit prudenza u diliġenza minn naħa tiegħu setgħa wkoll ikun evitat.

Mistqarr dan pero, mill-banda l-oħra, din il-Qorti tqis li din il-manuvra tal-vitma ma kienetx il-kawża unika għal dan is-sinistru.

Sewwieq ta' vettura għandu dmirijiet li jrid iżomm u josserva f'kull waqt li jkun qiegħed bl-i*steering wheel* f'idu. Karozza fi triq tista' tkun letali daqs arma proprja jekk mhux użata u misjuqa bil-għaqal meħtieġ. Kif intqal aktar il-fuq, pedestrians ma jistgħux jitqiesu fuq l-istess livell bħal karozzi kwantu għal vulnerabilita' tagħhom kif jirriżulta ampjament mill-konsegwenzi fil-każ ta' xi pedestrian li jiġi investit minn xi karozza.

Għalhekk ukoll ir-*rules of the road* iridu jiġu skrupolożament osservati mis-sewwieqa ta' vetturi bil-mutur. Kull sewwieq irid f'kull ħin iżomm il-*proper look-out* bil-mezz viżiv kif ukoll bil-mezz tas-smiegħ. Inoltre, bil-vetturi moderni dejjem aktar muniti b'mezzi teknoloġiċi irid ukoll iżomm *proper look-out* ukoll b'kull mezz approprjat installat fil-vettura (bħal mirja jew *sensors* eċċetra) skont iċ-ċirkostanzi u l-kondizzjonijiet prevalenti fit-triq sabiex ikun jista' jagħmel evalwazzjoni tas-sitwazzjoni li jkun qiegħed isuq fiha u dan

sabiex jevita li jkun hemm riskju ta' kolliżjoni ma vetturi oħra jew inċidenti ma *pedestrians*.

Kull sewwieq irid jobdi s-senjaletika li tkun teżisti f'kull parti tat-triq. Għalkemm hemm limiti ta' veloċita stabbiliti f'zoni u f'toroq partikolari, kull sewwieq xorta waħda anke jekk ikun qiegħed isuq fil-limiti tal-veloċita konsentita, irid dejjem isuq b'*safe speed* fiċ-ċirkostanzi partikolari tat-triq li fiha jkun qiegħed isuq. Dan huwa meħtieġ sabiex f'kull waqt ikun jista' jieħu dik l-azzjoni proprja u effettiva sabiex ikun jista' jevita kolliżjoni ma vetturi oħra jew inċidenti ma *pedestrians* billi jkun jista' jieħu dik l-azzjoni evażiva skont il-każ jew li jwaqqaf il-vettura misjuqa minnu biex tiġi evitata kolliżjoni jew inċident, u dan dejjem skond il-kondizzjoni prevalenti u ċ-ċirkostanzi tal-każ. Din l-azzjoni trid tkun dejjem pożittiva u meħuda f'waqtha b'rispett lejn l-osservanza tar-regolamenti tas-sewqan.

F'dan il-każ il-Qorti temmen li l-imputat ma żammx dak il-*proper look-out* li kien meħtieġ minnu. Minħabba f'hekk ukoll seħħ dan l-inċident stradali.

Skont kif qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża ***Il-Pulizija vs. Mario Gellel***, deċiża nhar id-19 ta' Frar 2004:

> ... kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App. Krim. Pul. vs Charles Bartolo, 14.3.59, Pol. vs Wilson [Vol. XXXIX iv. 1018] u Pul. vs Alfred Vella [Vol. XLIV, p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta` taghhom (App. Krim. Pul. vs Hardingham, 19.10.1963). Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (App. Krim. Pul. vs Charles Farrugia [Vol. XXXIX iv.9 78]). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim. Pul. vs Joseph Aquilina, 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu

> jadopera biex jevita ssinistri stradali (App. Krim. Pul. vs Antonio Spiteri [Vol. XLIV iv. 892]).

Fil-fehma ta' din il-Qorti pero fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ is-sewqan tal-imputat jikkwalifika fil-parametri tat-tifsira ta' sewqan negliġenti jew traskurat. L-aġir tiegħu kien fattur li wassal għal dan l-inċident stradali. Huwa jrid iwieġeb għal dan l-aġir tiegħu indipendentement minn dak li setgħa għamel ħaddieħor. Sabiex il-fattur kontributorju tat-terz jinnewtralizza r-responsabbilta' tal-imputat, dan il-fattur irid ikun dak li unikament u esklussivament iwassal għall-inċident stradali. Fil-kamp penali, in-negliġenza kontributorja ma teħlisx lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawża unika tas-sinistru akkadut. F'dan il-każ ma jistax jingħad li l-azzjoni tal-vitma, minkejja li kawża prinċipali, ma kienetx il-kawża unika jew esklussiva tal-inċident stradali. Il-Qorti hija konvinta sal-grad rikjest li kieku l-imputat kien diliġenti biżżejjed, dan l-inċident setgħa ma seħħx jew kien ikollu anqas konsegwenzi.

## ***<u>Decide</u>***

li rat l-Artikolu 226(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll l-Artikolu 15(1)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li tiddikjara lil Carlos Dingli ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontih u wara li rat ukoll id-dikjarazzjoni li l-vitma f'dan il-każ kien qiegħed, għal kull bwon fini jirrinunzja għall-azzjoni kriminali safejn din kienet rinunzjabbli, tikkundannah għal multa ta' elf euro (E1000) pagabbli fi zmien sitt xhur millum.

Inoltre, fid-dawl tat-talba tal-Prosekuzzjoni għall-iskwalifika tal-liċenzji tas-sewqan tal-imputat, il-Qorti qegħda tiskwalifika lil ħati milli jkollu liċenza tas-sewqan għal perjodu ta' ħmistax il-jum millum f'nofs il-lejl.

***Mogħtija illum 13 ta' Frar 2017 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***